A.L. 18 ta' l-1980

ORDINANZA TA' L-1962 DWAR IL-PORTIJIET (ORDINANZA NRU. XIII TA' L-1962)

Regolamenti ta' l-1980 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Rati tal-Port

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 42 ta' l-Ordinanza ta' l-1962 dwar il-Portijiet, il-Ministru ta' l-Iżvilupp, Enerġija, Port u Telekommunikazzjonijiet, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1980 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Rati tal-Port u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1969 dwar ir-Rati tal-Port, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 53 ta' l-1969

Jemenda t-Taqsima II tat-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fit-Taqsima II tat-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "2c2 għal kull *hundredweight* jew żewġ piedi kubi, liema jkun l-akbar, jew parti minnhom" għandhom jidħlu l-kliem "4c għal kull 150 kilogramm jew 5663 cm³, jew parti minnhom, liema jkun l-akbar ammont.".

Iżid paragrafu ġdid 1A mat-Taqsima I tas-Seba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara l-paragrafu 1 tat-Taqsima I tas-Seba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol il-paragrafu ġdid li ġej:

"1A. Minkejja d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' din it-Taqsima, meta xi tagħbija f'unità waħda jew merkanzija miġbura f'unità waħda, kif speċifikata fil-Kolonna 1 tat-Tabella ta' hawn taħt, tinħatt minn fuq bastiment u dik il-merkanzija tkun maniġġata mid-Direttur tal-Portijiet jew mill-kuntrattur tiegħu bejn ir-rampa jew il-bieb jew il-muratura ta' bastiment, skond il-każ, u l-moll jew il-maħżen, għandu jitħallas lid-Direttur tal-Portijiet jew lill-kuntrattur tiegħu, skond il-każ, b'żieda ma' kull ħlasijiet oħra li jistgħu jkollhom jitħallsu taħt dawn ir-regolamenti, ir-rata relattiva murija fil-Kolonna 2 ta' l-imsemmija Tabella:

TABELLA

Kolonna 1 *Merkanzija*	Kolonna 2 *Rata*
(i) Tagħbija f'unità waħda jew merkanzija miġbura f'unità waħda li tkun tagħmir mobiljari u f'vetturi bil-mutur sew jekk jitmexxew bir-roti tagħhom stess jew fuq it-*track* tagħhom stess sew jekk mgħobbija fuq karrelli, importati minn Baħħar u Sewwi Ltd	

ħalli jissewwew lokalment biex wara jerġgħu jitgħabbew fuq bastiment minnhom —

(a) ma teċċedix 15-il tunnellata metrika kull waħda	£7.00 kull unità
(b) teċċedi 15-il tunnellata metrika iżda ma teċċedix 20 tunnellata metrika, kull waħda ...	£12.00 kull unità
(ċ) teċċedi 20 tunnellata metrika iżda ma teċċedix 30 tunnellata metrika, kull waħda ...	£14.50 kull unità
(d) teċċedi 30 tunnellata metrika iżda ma teċċedix 40 tunnellata metrika, kull waħda ...	£17.00 kull unità
(e) teċċedi 40 tunnellata metrika iżda ma teċċedix 50 tunnellata metrika, kull waħda ...	£19.50 kull unità
(f) teċċedi 50 tunnellata metrika iżda ma teċċedix 60 tunnellata metrika, kull waħda ...	£22.00 kull unità
(g) teċċedi 60 tunnellata metrika iżda ma teċċedix 70 tunnellata metrika, kull waħda ...	£24.50 kull unità
(h) teċċedi 70 tunnellata metrika iżda ma teċċedix 80 tunnellata metrika, kull waħda ...	£27.00 kull unità
(i) teċċedi 80 tunnellata metrika iżda ma teċċedix 90 tunnellata metrika, kull waħda ...	£29.50 kull unità
(j) teċċedi 90 tunnellata metrika iżda ma teċċedix 100 tunnellata metrika, kull waħda ...	£32.00 kull unità
(k) teċċedi 100 tunnellata metrika iżda ma teċċedix 110 tunnellati metriċi, kull waħda ...	£35.50 kull unità
(l) teċċedi 110 tunnellati metriċi iżda ma teċċedix 120 tunnellata metrika, kull waħda ...	£38.00 kull unità
(m) teċċedi 120 tunnellata metrika iżda ma teċċedix 130 tunnellata metrika, kull waħda ...	£42.50 kull unità
(n) teċċedi 130 tunnellata metrika iżda ma teċċedix 140 tunnellata metrika, kull waħda ...	£45.00 kull unità
(o) teċċedi 140 tunnellata metrika iżda ma teċċedix 140 tunnellata metrika, kull waħda ...	£47.50 kull unità

(p) teċċedi 150 tunnellata metrika, kull waħda	£47.50 b'żieda ta' 30c kull tunnellata metrika 'l fuq minn 150 tunnellata metrika, kull unità:
(ii) Tagħbija f'unità waħda jew merkanzija miġbura f'unità waħda li tkun makkinarju, makni u partijiet sfużi mportati minn Baħħar u Sewwi Ltd biex jiġu nkorporati fit-tagħmir jew fil-vetturi speċifikati fil-paragrafu (i) ta' din it-Tabella	0.60c kull tunnellata metrika."

Jemenda l-paragrafu 2 tat-Taqsima I tas-Seba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

4. Fil-paragrafu 2 tat-Taqsima I tas-Seba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "paragrafu 1" għandhom jidħlu l-kliem "paragrafu 1 jew 1A".

Iżid paragrafu ġdid 1A mat-Taqsima II tas-Seba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

5. Minnufih wara l-paragrafu 1 tat-Taqsima II tas-Seba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"1A. Minkejja d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' din it-Taqsima, meta xi tagħbija f'unità waħda jew merkanzija miġbura f'unità waħda, speċifikata fil-Kolonna 1 tat-Tabella għall-paragrafu 1A tat-Taqsima I ta' din l-Iskeda, tkun mgħobbija fuq bastiment u dik il-merkanzija tkun maniġġata mid-Direttur tal-Portijiet jew mill-kuntrattur tiegħu bejn ir-rampa jew il-bieb jew il-muratura ta' basti ment, skond il-każ, u l-moll jew il-maħżen, għandu jitħallas lid-Direttur tal-Portijiet jew lill-kuntrattur tiegħu, skond il-każ, b'żieda ma' kull ħlasijiet oħra li jistgħu jkollhom jitħallsu taħt dawn ir-regolamenti, ir-rata relattiva murija fil-Kolonna 2 ta' dik it-Tabella.".

Jemenda l-paragrafu 1 tat-Taqsima III tas-Seba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

6. Il-paragrafu 1 tat-Taqsima III tas-Seba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-figuri "£1.22,0", "£1.86,0", "£2.42,0" u "£3.00,0" murija fit-Tabella li hemm taħtu għandhom jidħlu rispettivament il-figuri "28c", "90c", "120c" u "200c", u

(b) minnufih wara l-proviso li hemm għalih għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll, meta n-numru ta' vetturi bil-mutur, mhux ippakkjati u mobbiljari, li jinħattu minn, u/jew li jitgħabbew fuq, l-istess bastiment f'operazzjoni waħda jkun iżjed minn 500 unità, ir-rati speċifikati fil-partita (b) tat-Tabella ta' hawn fuq għandhom jitnaqqsu b'50 fil-mija.".